~~t'Arimatija li l-Franġiskani għandhom fir-Ramle, minn hemm baqa' sejjer Għajn Karem fejn żar iż-żewġt idjura li hemm tal-Franġiskani, ta' Santa Liżabetta u tat-Twelid ta' San Ġwann. Minn hemm baqa' sejjer Ġerusalem u qasam il-ħdud għan-naħa tal-Għarab.~~

~~Il-għada, is-Sibt, 25 tax-xahar fil-ħdax ta' fil-għodu telaq lejn Bejrut. Minn Bejrut telaq lejn Damasku fejn għamlulu laqgħa sabiħa fid-Dejr ta' Sant'Antnin tas-Saliħija. Minn Damasku fis-sitta u għoxrin tax-xahar telaq bl-ajruplan lejn Ruma. U hekk intemmet iż-żjara tas-sultan tal-Foqra, il-Franġiskani, fis-Saltna tal-Karità.~~

~~P. Valentin Cardona, O.F.M.~~

---

# IL-KURDUN

Frank, tabib żagħżugħ, Malti tal-Kajr, kien għadu kemm għalaq il-ktieb u qagħedu fuq mejda, meta steghmet ċempila tal-qanpiena tal-bieb u leħen ta' xebba minn isfel isejjaħlu. Kienet għarustu Mariosa, li ġiet biex joħorġu.

Frank bil-għaġla niżel ħdejn il-għarusa, li kienet liebsa l-aħjar ilbies għal ballu: ilbies fin u għani li kien joqgħod wisq ma' sbuħitha. Fuq sidirha kellha warda ħamra u f'idejha warda oħra, ħamra wkoll, imma ftit iċken mill-oħra. Mariosa resqet fuq Frank u waħħlitlu l-warda ż-żgħira fil-ħolqa tal-pavru. "Grazzi", qalilha Frank bi tbissima. "Warda tas-sew sabiħa!" Imbagħad ħarġu flimkien, iżommu id f'id, il barra.

Karozza ġdida kienet ħada l-bieb tistenniehom, u kif rikbu, ix-*chauffeur* saq lejn Hotel Sohar, fejn kien hemm il-ballu. Waslu malajr u telgħu fuq. Is-sala tal-ballu kienet imżejna mill-aħjar. Linef tal-ifjen żġieġ kienu jdawlu kull imkien. Il-fjuri fil-vażuni mdendlin mal-ħitan kienu jarmu riħa ħelwa. L-orkestra kienet iddoqq "Sobre Las Ondas", u ġeġwiġija ta' lewnijiet tal-lbiesi tan-nisa, imħallta mal-iswed tal-lbiesi tar-rġiel, kienet titbandal mar-ritmu tad-daqq. Frank u Mariosa wkoll bdew jiżfnu.

Waqt iż-żfin, iż-żagħżugħ deher mitluf f'baħar ta' ħsebijiet, li kienu qegħdin jeħduh bgħid mis-sala taż-żfin. Mariosa ħarset f'għajnejh u ntebħet li ma kienx f'siktu. "Il-lejla m'intix bħal dari!" qaltlu. "Bil-kemm kellimtni tliet kelmiet mindu ltqajna, u anqas ma taf x'inti tiżfen!" Frank tbissmilha t-tbissima li kien jitbissem meta ma kienx ikun jaf x'jaqbad iwieġeb. Imbagħad, "Ejja nidħlu l-bar nieħdu xi ħaġa," qalilha, u daħlu l-bar biex jixorbu.

*           *           *

Frank kien ilu li ħa l-lawrja ta' tabib ftit aktar minn sena. Tliet xhur wara miet missieru. Iż-żagħżugħ qatt ma kellu ħajra tal-mediċina, iżda billi kien l-iben waħdani tal-familja, ma' żewġt ibniet, missieru riedu jsir tabib. Il-lawrja ta' tabib kienet tradizzjonali fil-familja, u s-sur Bert ma riedx li ibnu jiksirha. Frank kellu bil-qalb ittajba joqgħod għar-rieda ta' missieru; m'hux biss dan, imma kellu jitgħarras lix-xebba li ried missieru wkoll. Għax kien raġel li kelmtu fid-dar kellha tiġi mismugħa, u ħażin għalieh min ma joqgħodx għal li jgħidlu hu. Frank, għal hekk, u la kellu ħajra li jsir tabib u wisq anqas li jiżżewweġ. Ix-xewqa li kellu minn żogħritu kienet li jagħti ħajtu lil Alla bħala saċerdot, u wara mewt missieru dis-sejħa aktar bdiet

tidwi qawwija f'qalbu. Fl-aħħar ma felaħx iżomm aktar, u lejla waħda mar iħabbat iċ-ċella tal-ħabib tiegħu u Malti bħalu, Patri Ġan-Pawl, Franġiskan, fil-kunvent ta' Santa Marija tal-Muski, hemm il-Kajr.

Frank kien imur iqerr kull nhar ta' Ġimgħa għand Patri Ġan-Pawl, u billi dik inhar kien it-Tnejn, il-Patri ma kienx jistennieh. Taħ siġġu ma' ġenb il-mejda tiegħu u saqsieh: "Jaqaw! X'ġiebek il-lejla?" Iż-żagħżugħ bla tlaqliq fetaħ qalbu mal-ħabib xwejjaħ tiegħu, u wrieh il-ħsebijiet li kienu jkiddulu moħħu. Qallu wkoll li dilfeħma kienet ilha għandu minn ċkunitu, u li kien mar għandu biex, billi kien jafu sewwa, jagħtih ittra minn idejh, ħalli jfittex jitlaq u jibda n-novizzjat, fl-eqreb art: Ġerusalem.

Meta Frank għarraf lil tad-dar x'kien sejjer jagħmel, ħaduha bi kbira wisq. Imma l-aktar li ħassitha kienet Mariosa, il-għarusa. Qaltlu f'wiċċu li qatt ma basret li raġel bħalu kellu jqarraq biha biex imur isir "ħabba" Franġiskan. Qaltlu li l-imħabba li kellha lejh kienet tbiddlet f'mibgħeda, u li minn dik inhar ma reditx aktar taf bi knisja.

Imma lil Frank xejn ma sata' jċaqalqu. Telaq lejn Ġerusalem, fejn libes iċ-ċoqqa fqira tal-Franġiskani u tħażżem bil-kurdun. Bidel id-dar għanja t'ommu ma' naqra ta' ċella u hemm beda ħajja ġdida. Għamel innovizzjat u billi biex sar tabib kien għadda l-iskola, ma kellux għajr jitgħallem it-teoloġija biex isir saċerdot.

Kemm feraħ Frank, jew Patri Piet, kif semmewh il-Franġiskani, meta ra għall-ewwel darba lil Ġesù Ostja ġewwa idejh! L-ewwel talba tiegħu kienet għal Mariosa. Talab lil Ġesù li jġiegħelha tifhem li hu ma kienx qarraq biha, għax ma kienx telaq l-imħabba tagħha għall-imħabba ta' xi xebba oħra, imma għall-imħabba tal-Imgħallem Divin. U Ġesù sama' l-kelma tiegħu.

Patri Piet, wara li qaddes, talab lissuperjuri li jibgħatuh f'xi kunvent żgħir ta' xi raħal imwarrab. Għal hekk bagħatuh f'kunvent f'raħal tal-Galilija, fejn kien hemm ftit Insara u ħafna Misilmin. In-nies intebħu li kien hemm raħeb tabib, u bdew ġejjin għandu biex idewwihom, Misilmin u Nsara.

Iżda Għali Sagħad il-Ħakim, li kien jilgħab ta' tabib u jisloħ m'ħux ftit flus u rigali mill-imsejkna bdiewa, xejn ma għoġbitu li dar-raħeb Malti jiġi jeħodlu xogħlu, billi kien idewwi aħjar minnu u bla flus. Ħalef f'qalbu li jeqerdu, u s-siegħa li jaqta' xewqtu waslet, kif sa ngħidu hawn.

Patri Piet kien iħobb, wara l-quddiesa fil-għodu, meta joħorġu n-nies, joqgħod waħdu fil-knisja, rasu bejn idejh, għarkobbtejh, jimmedita, quddiem Ġesù Sagramentat. Kif kien hekk, darba waħda, għadda Għali l-Ħakim minn ħdejn il-knisja u ra lissagristan barra fil-ġnejna, ifarfar tapit kbir tal-artal. Għali ttawwal fil-knisja u lemaħ lil Patri Piet, rasu baxxuta. Resaq qajl-qajl minn warajh, kif kien waħdu, u niffdu f'dahru b'xafra ta' mus, u ġera 'l barra bla ma rah ħadd.

Kif ġie s-sagrestan u ra l-Patri Piet mgħarrar fid-dmija, taħ ferħ ta' ġenn, u telaq jiġri u jgħajjat u ġieb il-Patri President. Dan taħ il-assoluzjoni u għamillu l-Griżma tal-Morda, u saqsieh riedx jgħidlu xi ħaġa. "Iwa," wieġeb kemm-kemm jistama' Patri Piet. "Kif immut... neħħili l-kurdun... u ibagħtu lil ommi, biex tagħtih lil Mariosa... mewti noffriha għalieha... inti taf il-ġrajja kollha." U kif qal hekk, tagħtu weġgħa u miet.

* * *

It-tieqa ta' kamra fil-Villa Luxor, fil-Kajr, kienet imberrħa u fewġa mielsa kienet dieħla minnha. Fuq tavolina, imgeżwra f'biċċa ħarir abjad kien hemm kurdun ta' Patri ta' Ġieżu, imxarrab bid-demm. Fuq siġġu, tħares lejh donnha mitlufa f'ħolma mbegħda, kien hemm żagħżugħa. Minn għajnejha ħomor kien iġelben id-dmugħ. Kull tant taqbad il-kurdun bejn idejha, trossu ma' qalbha, tressqu ma' xuftejha u tbusu u tgħid xi kliem taħt ilsienha: "Frank, aħfirli. Ma kontx fhimtek. Imma issa fhimtek... issa naf."

Mir-radju miftuħ baxx kien jistama' l-Largo ta' Handel. Mariosa qamet bil-qajla, marret ħdejn it-tieqa. Ġewwa qalbha ħasset mewġa ta' hena, bħal dik li jħossu l-erwieħ ħbieb ta' Alla. Frank mar jitlob għaliha!

PATRI MARJANU VELLA, O.F.M.

# KELMTEJN LIŻ-ŻGĦAR (3)

Hemm tagħlim, tfal, li jgħidulu *Filosofija*. Filosofija hija kelma bil-Grieg, li tfisser *imħabba tal-għerf*. L-ewwel taqsima ta' dat-tagħlim, jgħidulha *Lôġka*, li tfisser *taħdit*.

Il-Lôġka, l-aktar li fiha tifsir tal-kliem. Għax meta n-nies jitħaddtu bejniethom, biex jifhmu wieħed lill-ieħor, iridu qabel ikunu jafu xi jfisser il-kliem li sa jgħidu, għax inkella ma jiftehmux.

Issa jien il-lum sa nitħaddet naqra magħkom fuq erba' kelmiet: *niket*, *hena*, *ferħ*, u *xalâr*. U biex tifhmuni sewwa irrid qabel ngħidilkom x'inhu l-fehma tiegħi li jfissru dawn il-kelmiet.

Niket tfisser dak il-ħâl jew *stât* tal-qalb, meta lil bniedem jonqoslu dak li jixtieq. Bħalli kieku meta jkun bil-ġugħ (jonqoslu l-ikel), jew ikun iħoss il-bard (tkun tonqsu s-sħâna) jew tkun Alla jħares qatt, metitlu ommu. Hena jfisser dak il-ħâl tal-qalb meta l-bniedem ikollu kull ma jixtieq (bil-maqlub ta' niket). Ferħ huwa dak il-ħâl ta' meta wieħed ikun kiseb xi ħaġa li kien jixtieqha; bħal meta tifel missieru jixtrilu *ferrovija* żgħira, jew tifla ommha tixtrilha pupa sabiħa. Xalâr huwa dak il-ħâl ta' meta wieħed daqs kemm ikun ferħan, ma jkunx jaf x'inhu jagħmel; jaqbeż, jiżżagħber u jiċċajta ma' dak u ma' dan.

Issa d-Djiena, jew *reliġjon* Nisranija, mibnija fuq in-niket. Jiġifieri min hu Nisrani, f'din id-dinja għandu jkollu ftit li xejn xalâr, kemm-kemm ferħ, ftit ġmielu hena, u ħafna-ħafna niket. U dan nafuh mill-kotra kbira ta' kliem li qalu Sidna Ġesù Kristu, u li baqâlna miktub fl-Evanġelju.

Mela darba, Ġesù, għall-ewwel li ħareġ jgħallem, kif kellu ma' dwaru ġemgħa kbira ta' nies, tala' fuq għolja u qagħad fuq biċċa blata u n-nies kollha qagħdu fl-art ma' dwaru. U hemm għamel l-ewwel u l-akbar taħdita tiegħu, li fiha għarraf kull ma għandu jagħmel il-bniedem biex jidħol il-ġenna, jiġifieri f'Melkut is-sema. L-ewwel kelmiet tiegħu kienu dawn:

"Imberkin intom il-foqra, għax tagħkom Melkut is-sema (jiġifieri l-ġenna). Imberkin li intom bil-ġugħ issa, għax (fil-Melkut) għad tixbgħu. Imberkin li tibku issa, għax għad tkunu ferħanin. Imberkin intom meta n-nies jobgħodukom, jaħqrukom u jisħtukom. Ithennew dak il-ħin, għax il-ħlâs tagħkom ikun kbir fis-sema, għax hekk il-ħżiena ħaqru lin-nies it-tajba li ġew qabilkom".

X'jidhrilkom minn dan il-kliem,